**Kunsill**
**tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 1 ta' Ottubru 2018**
**(OR. en)**

**12242/18**

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2018/0273(NLE)**
**2018/0272(NLE)**

**AGRI 439**
**FORETS 37**
**DEVGEN 147**
**ENV 618**
**RELEX 791**
**JUR 458**
**PROBA 22**
**UD 215**
**COASI 230**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali - *Adozzjoni*<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali<br>- *Qbil fil-prinċipju*<br>- *Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew* |

1. Fl-4 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha lill-Kunsill għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq[1].

2. Fil-5 ta' Lulju 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Forestrija kellu skambju preliminari ta' fehmiet dwar iż-żewġ proposti, li ġew approvati fit-12 ta' Lulju 2018 mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsilliera/Attachés (Agroforestrija).

[1] 10814/18 + ADD1 u 10815/18 + ADD1.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma u jistieden lill-Kunsill biex f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss:

- jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u stabbilit fid-dokument 10860/18; il-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE;
- jaqbel fil-prinċipju mal-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u stabbilit fid-dokument 10861/18, kif ukoll it-test tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u stabbilit fid-dokument 10877/18;
- jiddeċiedi li jgħaddi lill-Parlament Ewropew, għall-approvazzjoni tiegħu, id-dokumenti 10861/18 u 10877/18, kif imsemmija hawn fuq.